



Kunsill Ewropew

Brussell, 6 ta' Marzu 2025
(OR. en)

EUCO 6/25

CO EUR 5
CONCL 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (6 ta' Marzu 2025) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 10/25 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.
3. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

II. DIFIŻA EWROPEA

4. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles ta' Marzu 2022 u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, il-Kunsill Ewropew jisħaq li l-Ewropa trid issir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tindirizza b'mod awtonomu l-isfidi u t-theddidiet immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha għas-sigurtà Ewropea u dinjija f'ambjent li qed jinbidel, jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea.
5. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea ser taċċellera l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti u l-finanzjament meħtieġa sabiex issaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna. B'dan il-mod, l-Unjoni ser issaħħaħ l-istat ta' tħejjija ġenerali tagħha fir-rigward tad-difiża, tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha, tindirizza l-lakuni fil-mezzi kritiċi tagħha u ssaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kif xieraq madwar l-Unjoni sabiex tkun f'pożizzjoni li tipprovdi aħjar tagħmir fil-kwantitajiet u bir-ritmu mħaffef meħtieġ. Dan ser jikkontribwixxi wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali u teknoloġika Ewropea.

6. Filwaqt li jibni fuq il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi mogħtija mit-Trattati, u fid-dawl tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li jkompli jżdied b'mod sostanzjali l-infiq fis-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, u:
- a) jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrakkomanda li l-Kunsill jattiva, b'mod koordinat, il-klawżola liberatorja nazzjonali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir bħala miżura immedjata, u jistieden lill-Kummissjoni tesplora aktar miżuri, b'kont meħud tal-fehmiet tal-Kunsill, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, biex jiġi ffaċilitat infiq sinifikanti fid-difiża fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri kollha;
 - b) jistieden lill-Kummissjoni tipproponi sorsi ta' finanzjament addizzjonali għad-difiża fil-livell tal-UE, inkluż permezz ta' possibiltajiet u inċentivi addizzjonali offruti lill-Istati Membri kollha, abbażi tal-prinċipji tal-oġġettività, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trattament ugwali tal-Istati Membri, fl-użu tal-allokazzjonijiet attwali tagħhom fl-ambitu tal-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE, u tippreżenta rapidament proposti rilevanti;
 - c) jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal strument ġdid tal-UE li jipprovdi self appoġġat lill-Istati Membri mill-baġit tal-UE sa EUR 150 biljun, u jistieden lill-Kunsill jeżamina din il-proposta bħala kwistjoni ta' urġenza;
 - d) jilqa' l-ittra reċenti tal-President tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u l-pjanijiet li jinsabu fiha biex jiżdied l-appoġġ tiegħu għall-industrija tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-kapaċità operazzjonali u ta' finanzjament tal-grupp, u jistieden lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) biex ikompli jadatta b'mod urġenti l-prattiki tal-BEI għas-self lill-industrija tad-difiża, b'mod partikolari billi jevalwa mill-ġdid il-lista ta' attivitajiet esklużi u billi jżid il-volum ta' finanzjament disponibbli fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

- e) jissottolinja l-importanza li jiġi mobilizzat il-finanzjament privat għall-industrija tad-difiża u jistieden lill-Kummissjoni tqis miżuri f'dan ir-rigward, inkluż billi tindika lill-investituri privati l-importanza tal-industrija tad-difiża għall-Ewropa inġenerali;
- f) jidentifika l-ewwel lista ta' oqsma prijoritarji għal azzjoni li ġejja fil-livell tal-UE fil-qasam tal-mezzi b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda mill-gwerra fl-Ukrajna, f'konformità mal-ħidma li diġà saret fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u f'koerenza sħiħa man-NATO: id-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili; is-sistemi tal-artillerija, inkluż il-mezzi ta' attakki fil-profond bi preċiżjoni; il-missili u l-munizzjon; id-droni u s-sistemi kontra d-droni; il-faċilitaturi strateġiċi, inkluż fir-rigward tal-ispazju u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika; il-mobbiltà militari; il-kwistjonijiet ċibernetiċi; l-intelliġenza artifiċjali u l-gwerra elettronika;
- g) jissottolinja li d-difiża tal-fruntieri kollha tal-UE fuq l-art, tal-ajru u dawk marittimi, jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Ewropa kollha kemm hi, b'mod partikolari fir-rigward tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, meta jitqies it-theddid maħluq mir-Russja u l-Belarużja;
- h) barra minn hekk, filwaqt li jqis it-theddid fuq il-bqija tal-fruntieri tal-UE, jisħaq fuq l-importanza tad-difiża tagħhom;
- i) jisħaq fuq l-importanza ta' aggregazzjoni aktar sistematika tad-domanda, l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti u l-akkwist konġunt bl-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż ġenerali, jiġu żgurati l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà u tiġi offruta prevedibbiltà akbar lill-industrija Ewropea, inkluż l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, kif ukoll jingħata kontribut għal suq li jiffunzjona tajjeb għall-industrija tad-difiża li jimmobilizza aħjar l-investimenti privati u pubbliċi u jiżgura aċċess transfruntier għall-katini tal-provvista tad-difiża;
- j) jistieden lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, flimkien mar-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, biex tirrieżamina malajr il-proċessi xierqa għal dak l-għan;

- k) jistieden lill-koleġislaturi jikkonkludu n-negozjati dwar il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) mill-aktar fis possibbli;
 - l) jissottolinja l-importanza li jkompli jingħata appoġġ għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża;
 - m) jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi jmexxu 'l quddiem malajr il-ħidma fuq is-simplifikazzjoni tal-qafas legali u amministrattiv, b'mod partikolari għall-akkwist pubbliku, il-kooperazzjoni tal-industrija, ir-rekwiżiti tal-ħruġ tal-permessi u tar-rapportar, sabiex jiġu indirizzati l-ostakli u l-konġestjonijiet kollha li jfixklu żieda rapida tal-industrija tad-difiża, inkluż għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lil omnibus ta' simplifikazzjoni speċifika għad-difiża.
7. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll li Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom. Huwa jistieden lill-Istati Membri li huma wkoll alleati tan-NATO, jikkoordinaw qabel is-Summit tan-NATO f'Ġunju 2025. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li ssir ħidma flimkien ma' sħab mhux tal-UE tal-istess fehma.

8. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.
 9. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-White Paper dwar il-Futur tad-Difiża Ewropea, inkluż elementi u opzjonijiet oħrajn fiha li l-għan tagħhom huwa li tingħata spinta sostanzjali lill-finanzjament għad-difiża Ewropea u li tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea.
 10. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħat tiegħu ta' Marzu u Ġunju.
-